VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,186, 20 ta' Diċembru, 2013*
*Taqsima B*

**A.L. 441 tal-2013**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni ta' *Standard* Nazzjonali tal-2013 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni ta' *Standard* Nazzjonali tal-2013 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali, u dan l-Ordni għandu jibda' jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2014.

L-inqas paga nazzjonali.

**2.** L-inqas paga nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej:

Ta' età 18-il sena u fuqhom .................... € 165.68
Ta' età 17-il sena .................................... € 158.90
Taħt is-17-il sena .................................... € 156.06.

Impjegati *part-time*.

**3.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati *part-time* għandha tkun ikkalkulata *pro rata* bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli *whole-time* li tkun tapplika skond l-inqas paga tal-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi rilevanti, jew f'każijiet fejn Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi ma tkunx tapplika, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali *Standard* li tkun tapplika, kif stabbilita skond l-artikolu preċedenti u diviża b'erbgħinn.

Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.

**4.** Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil dak l-impjegat fir-rigward tal-2014 m'għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti b'dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi applikabbli għal 2013, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'xi żjidiet ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment japplikaw għall-impjegati *whole-time* kollha skont l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'xi żjidiet fil-paga għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi ordni ta' *standard* nazzjonali applikabbli fir-rigward tal-2014.

Kap. 452.